*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,583, 5 ta' Marzu, 2021*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru VI tal-2021**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217.**

**ACT No. VI of 2021**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Immigration Act, Cap. 217.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

5 ta’ Marzu, 2021

**ATT Nru VI tal-2021**

*ATT li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor. Kap. 217.

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Immigrazzjoni, hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Żieda ta’ artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**2**. Minnufih wara l-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Ċertifikati ta' residenza permanenti.

7A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att jew ta’ xi Att ieħor, il-Ministru jista' jagħti ċertifikat ta' residenza biex joqgħod b'mod permanenti f'Malta lil ċittadin ta' pajjiż terz fuq il-bażi tal-investiment u li jissodisfa r-rekwiżiti preskritti taħt dan l-Att:

Iżda drittijiet ta’ residenza jistgħu jingħataw ukoll lil dipendenti eliġibbli jew membri tal-familja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz imsemmi.

(2) Kull ċertifikat ta’ residenza maħruġ skont dan l-artikolu jista’ jiġi revokat u l-artikolu 7(3) għandu japplika *mutatis mutandis*:

Iżda ċittadin ta’ pajjiż terz jew id-dipendenti eliġibbli tiegħu u l-membri tal-familja għandhom ukoll jieqfu jibbenefikaw minn ċertifikat ta’ residenza f'dawk il-każijiet li l-Ministru jista’ b'regolamenti jipprovdi.

(3) Il-Ministru jista’ b'regolamenti jagħmel dispożizzjonijiet biex jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, inkluż, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta’ dak li intqal, għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' programm għall-għoti ta' drittijiet ta' residenza permanenti fuq il-bażi ta' investiment u għall-waqfien taċ-ċertifikati ta’ residenza permanenti.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 433 tal-1 ta’ Marzu, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

5th March, 2021

## ACT No. VI of 2021

*AN ACT to amend the Immigration Act, Cap. 217.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Immigration (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Immigration Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 217.

**2**. Immediately after article 7 of the principal Act there shall be added the following new article: Addition of new article to the principal Act.

"Permanent residence certificates. 7A. (1) Notwithstanding the provisions of this Act or any other Act, the Minister may grant a residency certificate to reside permanently in Malta to a third country national on the basis of investment and who satisfies the requirements prescribed under this Act:

Provided that residency rights may also be granted to eligible dependants or family members of the said third country national.

(2) Any residency certificate issued in terms of this article may be revoked and article 7(3) shall apply *mutatis mutandis*:

Provided that a third country national or his eligible dependants and family members shall also cease to benefit from a residency certificate in those instances that the Minister may by regulations provide.

(3) The Minister may by regulations make provisions for carrying into effect the provisions of this article, including, without prejudice to the generality of the foregoing, for the establishment and implementation of a programme for the grant of permanent residency rights on the basis of investment and for the cessation of certificates of permanent residence.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 433 of the 1st March, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**